# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 28 ta' Frar 2020**

**Numru 19**

**Rikors numru 975/18 LSO**

**L-Avukat Patrick Valentino bħala r-Rettur tal-Benefiċċju Lajkali msejjaħ *Abbazia di Sant'Antonio delli Navarra* kkonfermat b'digriet tal-Eċċellenza Tiegħu Monsinjur Arċisqof tal-20 ta' Frar tas-sena 2017 u f'isem u għan-nom u in rappreżentanza tal-istess Benefiċċju**

**v.**

**Salvu Mintoff & Sons Limited (C5093)**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-kumpannija intimata (minn issa 'l quddiem imsejħa "l-appellanti") minn sentenza *in parte* mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' April, 2019, fil-kawża fl-ismijiet premessi (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata") u li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, ċaħdet it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-istess

appellanti (li biha eċċepiet il-*privilegium fori*) u ordnat li l-kawża tkompli tinstema' quddiemha;

2. L-azzjoni attriċi tressqet bil-proċedura sommarja speċjali u titlob li l-Qorti taqta' l-kawża mingħajr smigħ u (i) ssib li l-appellanti ma kellha l-ebda titolu fuq erba' qatgħat art li jinsabu fil-limiti tal-Qala, f'Għawdex, imsejħin "*Tal-Qasam*", "*Tal-Wardati*", "*Tal-Ħawli*" u "*Ta' Għar id-Dar*", tal-kejl ta' ħamest elef tliet mija u sebgħa u tmenin metru kwadru (5,387m$^2$), erba' mija u ħdax-il metru kwadru (411m$^2$), elf sitt mija u tlieta u disgħin metru kwadru (1,693m$^2$) u elf u sitta u sittin metru kwadru (1,066m$^2$) rispettivament kif murija b'lewn aħdar fuq il-pjanta mehmuża mar-rikors maħluf promotur; u (ii) tordna l-iżgumbrament tal-istess appellanti mill-imsemmija qatgħat ta' art;

3. L-eċċezzjoni msemmija kienet imfassla b'dan il-mod: "*In linea preliminari u mingħajr preġudizzju għal dak li qed jiġi sottomess aktar 'l isfel is-soċjetà esponenti teċċepixxi illi l-prinċipju tal-privilegium fori stante l-fatt li l-proprjetà qegħada ġewwa Għawdex, l-operat kollha tal-barriera hija kollha ġewwa Għawdex, id-direttur u l-impjegati kollha huma Għawdxin u jirrisjedu Għawdex u l-istess rikorrenti u l-awturi tiegħu ppreżentaw diversi kawżi li għadhom pendenti quddiem il-Qrati ta' Għawdex u għalhekk għall-kompletezza tal-proċeduri kollha għandhom jinstemgħu quddiem il-Qrati Għawdxin*";

4. L-ewwel Qorti għamlet il-konsiderazzjonijiet li ġejjin biex waslet għad-deċiżjoni tagħha:

> "*li t-talbiet tar-rikorrent fil-kwalità tieghu premessa, jikkostitwixxu essenzjalment talba ghall-izgumbrament tas-socjetà intimata, stante allegata okkupazzjoni illegali u abbuziva, tal-artijiet, li jidhru fuq il-pjanta annessa Dok B. ...*
>
> *"Ir-rikorrent qed jikkontendi li s-socjetà intimata bdiet tuza l-artijiet ghal skop ta' barriera u qtugh ta' blat b'mod li oltrepassat il-konfini, u l-limiti tal-art li gew koncessi b'kuntratt datat 17 ta' Dicembru 1982. Ghalhekk, is-socjetà intimata fl-1 ta' Awwissu 1994, hallset kumpens lill-Kurja Arciveskovili, kumpens ghall-blat li qatghet sa dakinhar, inkluz blat oltre` l-konfini, meta ma kintix inghatat awtorizzazzjoni. In segwitu, intbaghtet ittra ufficjali fl-14 ta' Awwissu 2017, u r-rikorrent nomine pproceda bil-kaz in ezami.*
>
> *"**<u>Provi:</u>***
>
> *"**Mario Gatt** in rapprezentanza ta' Salvu Mintoff & Sons Limited xehed u qal, li l-barriera mertu tal-kaz tinsab fil-limiti tal-Qala Ghawdex, li tintuza ghat-tqattiegh u li jinbiegh l-aktar lill-produtturi Ghawdxin. Semma li qeghdin tliet Diretturi f'din il-kumpanija u sitt azzjonisti, bl-indirizzi taghhom kollha f'Ghawdex. L-impjegati tal-kumpannija huma kollha Ghawdxin. Zied ighid, li l-ufficju amministrattiv ta' din il-kumpanija jinsab f'Ghajnsielem, Ghawdex, u l-operat ta' din il-barriera matul dawn is-snin kien dejjem f'Ghawdex. Hu pprezenta l-ID Cards tad-Diretturi u azzjonisti, kif ukoll irrefera ghall-Memorandum and Articles ta' Salvu Mintoff & Sons Limited li huwa esebit. Spjega li l-indirizz tal-kumpanija kien f'Malta, kien gie registrat hekk mill-accountant, ma jafx ghal liema raguni u kien ghadu hekk sal-verbal datat 29 ta' Novembru 2018, fejn sar verbal li qablu fuqu d-difensuri tal-partijiet. Qal li wara l-prezentata ta' dan l-kaz ir-registration address kellu jinbidel. Izda spjega ulterjorment, li originarjament fil-bidu, r-registration address kien f'Ghawdex, fejn kien 30, Triq il-Kapuccini Victoria Gozo, imbaghad inbidel ghal Malta, u sussegwentement rega' nbidel ghal Ghawdex.*
>
> *"**In kontro ezami** qal li suppost l-indirizz tal-Kumpannija kellu jinbidel.*
>
> *"**<u>Dritt:</u>***
>
> *"Tajjeb li ssir referenza ghall-**artikolu 50(1) tal-Kap 12** li jipprovdi:*
>
> > *".. .. .. il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), b'eskluzjoni tal-Qrati ta' Malta, hija kompetenti biex tiehu konjizzjoni ta' kull pretensjoni kontra persuni li joqghodu jew li*

*ghandhom ir-residenza taghhom ordinarja fil-Gzira ta' Ghawdex jew ta' Kemmuna, kif ukoll ta' dawk il-kawzi l-ohra kollha li l-ligi tghid espressament li ghandha tiehu konjizzjoni taghhom dik il-Qorti."*

*"Illi l-***artikolu 741 tal-Kap 12** *jiddisponi:*

*"l-eccezzjoni ta' inkompetenza tal-qorti tista' tinghata –*

*(c) meta huwa moghti lill-konvenut il-beneficcju li jigi msejha quddiem qorti partikolari."*

*"Illi wkoll l-***artikolu 767 tal-Kap 12** *jistipula li :*

*"Il-beneficcju msemmi fil-paragrafu (c) tal-***Artikolu 741** *huwa moghti lill-persuni li joqghodu fil-gzira ta' Malta rigward il-qrati ta' dik il-Gzira, u lil dawk li joqghodu fil-Gzejjer ta' Ghawdex u Kemmuna rigward il-Qorti ta' dawk il-Gzejjer."*

*"Dan il-privilegg ghalhekk huwa marbut mal-fatt ta' residenza u dan huwa hekk minhabba l-principju legali tal-"actor sequitur forum rei" izda jinsab cirkoskritt bir-regoli procedurali imfissra iktar 'il quddiem."*

*"Mario Gatt, in rapprezentanza tas-socjetà intimata, fix-xhieda tieghu afferma li l-istess socjetà ghandha rabtiet mal-gzira t'Ghawdex, kemm fir-residenza tad-Diretturi taghham kif ukoll ghal dak li jirrigwarda s-sit u l-operat stess tal-barriera, li jinsab f'Ghawdex. Inoltre kif jirrizulta mill-atti esebiti mar-risposta fil-process, ir-rikorrent nomine u l-awturi tieghu ipprezentaw diversi kawzi u mandati, precedentement ghal dan il-kaz, li kollha gew ipprezentati f'Ghawdex.*

*"Jirrizulta mill-verbal datat 29 ta' Novembru 2018, li l-partijiet qablu li l-indirizz tas-socjetà intimata kien jinsab registrat f'Malta fiz-zmien tal-prezentata ta' dan il-kaz, kif ikkonfermat mix-xhud Mario Gatt. Difatti, mill-Memorandum and Articles of Association esebiti mill-istess xhud, jirrizulta, li kien hemm bdil fl-indirizz tar-registrazzjoni tal-kumpanija fil-25 ta' Frar 2016, fejn l-indirizz tas-socjetà intimata kien registrat f'indirizz f'Malta. Ghalkemm Mario Gatt xehed li dan l-indirizz kellu jinbidel, ma jirrizultax mill-atti li effettivament inbidel la qabel, u lanqas wara l-intavolar ta' dawn il-proceduri u cioe`:*

*"Fit-trattazzjoni, l-avukat difensur tas-socjetà intimata rrefera ghal diversi kawzi fejn il-Qrati kellhom l-opportunità jippronunzjaw ruhhom dwar il-privilegium fori u cioe`:* ***H.S.B.C. Bank plc vs Carmelo Sciberras et*** *deciza mill-Qorti tal-Magistrati Ghawdex (Gurisdizzjoni Superjuri), fil-5 ta' Ottubru 2005,* ***Walter Schroth vs Joseph Chetcuti****, (71/2017) Qorti tal-Magistrati Ghawdex (Gurisdizzjoni Superjuri), fis-6 ta' Marzu 2017,* ***Roger Portelli et vs Chairman tal-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma et****, (139/1997) Qorti tal-Magistrati Ghawdex (Gurisdizzjoni Superjuri), deciza fis-27 ta' Novembru 2003, u* ***Giovanna sive Yvonne Gatti vs Carmel Lanteri,*** *deciza fl-14 ta'*

*Dicembru 2011 (PAJA). Huwa sottometta li f'dawn is-sentenzi gie ritenut li meta l-operat u r-residenza jkunu Ghawdex, il-Qorti kompetenti li ghandha tisma' l-kaz ghandha tkun il-Qorti ta' Ghawdex, minkejja li l-indirizz ta' persuna jew tas-socjetà jkun f'Malta.*

*"Min-naha l-ohra, fit-trattazzjoni, ir-rikorrent irrefera ghall-kaz* ***John Mary Grima vs Francis Cutajar et****, deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Jannar 2013. F'dik is-sentenza, l-Qorti tal-Appell siltet diversi principji li ghandhom jigu applikati fid-determinazzjoni tal-kompetenza tal-Qrati, inter alia:*

*"1. Li hija r-residenza tal-konvenut li tirradika l-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Għawdex ad esklużjoni tal-kompetenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (u vice versa).*

*"2. Li l-eċċezzjoni għall-benefiċċju tal-privilegium fori kif kontemplata taħt l-****Artikolu 770*** *ma kienx applikabbli ghal mertu ta' dak il-kaz li kienet kawza ta' spoll li, kwindi, ma tirrigwardax obbligazzjonijiet naxxenti minn xi ftehim.*

*"3. Ghal dak li jirrigwarda s-sit tal-art in mertu f'dik il-kawza (Ghawdex) irriteniet li:*

> *"Inkwantu għall-Artikolu 773 mertu ta' dan it-tieni aggravju, ġialadarba rajna li hija l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li hija fil-fatt kompetenti biex tisma' l-kwistjoni odjerna, dan l-artikolu jagħmilha ċara li hija ma ssirx inkompetenti minħabba l-post fejn tinsab il-ħaġa in kwistjoni, f'dan il-każ l-art f'Għawdex. Għalhekk l-ebda konsiderazzjoni ma għandha tingħata lill-post fejn hija sitwata l-ħaġa (f'dan il-każ Għawdex) u konsiderazzjoni jiet dwar il-post fejn tinsab il-proprjetà jew fejn għandha tiġi esegwita s-sentenza f'każ li tintlaqa' t-talba għar-ripristinazzjoni huma rrilevanti (dan l-artikolu fil-fatt jikkonferma kemm kien żbaljat ir-raġunament tal-ewwel Qorti meta tat daqshekk importanza lill-fatt li jekk kellha tiġi milqugħa t-talba għar-reintegrazzjoni, din bil-fors li trid issir fil-Gżira ta' Għawdex, fejn jinsab ir-raba)." (Sottolinear ta' din il-Qorti).*

*"Ikkonsidrat li l-ligi hija cara li l-privilegium fori jispicca:*

*"1. Meta l-ghadd ta' konvenuti li jghixu Malta u Ghawdex hu indaqs* ***(art. 769),*** *li ma japplikax ghall-kaz odjern;*

*"2. Meta l-obbligazzjoni, li dwarha hi l-kawza, ghandha skont il-ftehim tigi ezegwita fi gzira partikolari* ***(art. 770),*** *li ser jigi issa trattat;*

*"3. Meta jkun hemm rinunzja ghalih mill-persuna li ghandha jedd ghalih* ***(art. 772),*** *li ma japplikax ghall-kaz odjern.*

*"Ikkonsidrat li dawn l-artikoli huma tassattivi.*

*"Illi applikati dawn l-artikoli ghall-kaz odjern jirrizulta u fil-fatt lanqas mhu kontestat li s-socjetà intimata kellha l-indirizz registrat taghha f'Malta fiz-zmien meta gie pprezentat ir-rikors odjern. Ghalhekk id-disposizzjonijiet tal-artikoli 741(c) u 767 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta ma jregux fiz-zmien li giet sollevata r-risposta guramentata.*

*"Madanakollu l-intimat ghamel enfasi fuq l-operat tal-kumpanija. Inoltre mis-sentenzi li ccita, jirrizulta wkoll li l-Qrati taghna hadu in konsiderazzjoni s-sit tal-art/beni in kwistjoni, u fejn, allura, talba ghall-izgumbrament jew ripristinazzjoni, trid tigi esegwita.*

*"Izda ezami tal-gurisprudenza citata turi b'mod l-aktar manifest li l-interpretazzjoni tas-socjetà intimata hija ghal kollox zbaljata. Kif sottolineat mill-Qorti tal-Appell, fil-kawza fuq citata* ***Grima vs Cutajar, is-sit tal-art mhuwiex determinanti ghall-kwistjoni tal-privilegium fori.*** *Il-Qorti f'dik il-vertenza, iddistingwiet il-kaz minn kawzi ohra fejn it-talba ghar-rikonsenja ta' fond sitwat f'Ghawdex kienet accessorja ghall-ezekuzzjoni ta' obbligazzjoni principali (ad ezempji aċċessorja għall-ftehim ta' lokazzjoni u kompliet:*

> *"18. Dawn iż-żewġ deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Appell għalhekk jgħallmu li għall-finijiet tal-Artikolu 770 tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili anke meta l-kawża ma tkunx speċifikatament dwar obbligazzjoni li kellha tiġi esegwita fi gżira partikolari iżda tkun dwar vertenza li hija relatata ma' tali obbligazzjoni, din bħala aċċessorja għall-obbligazzjoni prinċipali għandha titqies fuq l-istess bażi, u għalhekk f'dan il-każ il-privilegium fori ma japplikax. Id-deċiżjoni tal-1917 in oltre tenfasiżża li meta l-bażi tal-azzjoni tkun il-kolpa extra kontrattwali dan l-artikolu mhux applikabbli."*

*"Din il-Qorti tikkondividi din l-interpretazzjoni. Kien ikun altru li kieku l-attur ikun qed jadixxi lill-Qorti biex jesegwixxi xi jedd ex contractu, fejn, allura, il-lok ta' ezekuzzjoni ta' dak il-kuntratt jorbot ghall-fini tal-kompetenza. Inoltre, kif gie precizat mill-istess Qorti tal-Appell,* ***anke l-artikolu 773 jipprovdi li:***

> ***"773.*** *Bla ħsara tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 745(b) u (h), jekk qorti partikolari f'Malta hija kompetenti, ma ssirx inkompetenti minħabba l-lok fejn tkun qiegħda l-ħaġa f'Malta:" (fejn 'Malta' tirreferi hawn ghal Malta u Ghawdex).*

*"Ikkonsidrat li sabiex il-Qorti tkun tista' sewwa tiddisponi mill-eccezzjoni tal-privilegium fori jehtigilha tinkwadra korrettement il-parametri ta' l-azzjoni kif proposta. Din temergi mir-rikors promotur.*

*"Illi l-kawza odjerna hija intiza ghall-izgumbrament tas-socjetà intimata stante li qed jigi allegat li qed tokkupa l-art minghajr titlu u li <u>qatt ma kellu titlu fuq l-istess</u>. Difatti jinsab premess hekk:*

> *"Illi, artijiet adjacenti gew koncessi lis-socjeta` intimati ghal skopijiet ta' barriera (liema koncessjoni llum tinsab terminata)* ***izda l-istess socjeta` oltre passat il-konfini ta' dak lilha koncess u abbuzivament dahlet fl-artijiet mertu ta' din l-azzjoni. "*** *(Emfasi ta' din il-Qorti).*

*"Jirrizulta ghalhekk li din hija azzjoni kwalifikabbli bhala l-actio rei vindicatoria. L-attur mhuwiex qed jinvoka l-ebda obligazzjoni, u mhuwiex qed jagixxi abbazi ta' jedd kontrattwali. Kwindi lanqas mhu applikabbli l-artikolu 770 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn allura, l-intimat ikollu ragun jinsisti li l-azzjoni tigi esperita quddiem il-Qrati t' Ghawdex.*

*"Ghaldaqstant, din il-Qorti ser tghaddi biex tichad t-tieni eccezzjoni tal-privilegium fori."*;

5. L-appellanti ressqet talba quddiem l-ewwel Qorti b'rikors tagħha tas-6 ta' Mejju, 2019, għall-finijiet tal-artikolu 231 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, biex tħalliha tappella minn dik is-sentenza. B'digriet mogħti fit-30 ta' Mejju, 2019, l-ewwel Qorti laqgħet it-talba u awtorizżżat li jitressaq dan l-appell mis-sentenza appellata;

6. Fir-Rikors tal-Appell imressaq minnha fl-14 ta' Ġunju, 2019, l-appellanti qalet li ħassitha aggravata mis-sentenza appellata u, għar-raġunijiet hemm imsemmija, talbet li din il-Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata filwaqt li tilqa' t-tieni eċċezzjoni preliminari tagħha tal-*privilegium fori* billi tordna li s-smigħ tal-kawża jissokta quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza superjuri tagħha, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur *nomine* appellat;

7. Fir-Risposta tal-Appell imressqa minnu fit-2 ta' Lulju, 2019, l-attur *nomine* appellat qal li s-sentenza appellata hija tajba u li din il-Qorti għandha tiċħad l-appell imressaq minnha;

8. Semgħet it-trattazzjoni tal-appell waqt is-smigħ tat-12 ta' Novembru, 2019;

9. Rat l-atti kollha rilevanti tal-kawża;

10. Rat li l-appell tħalla għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

11. Illi din hija azzjoni ta' żgumbrament minn art miżmuma mingħajr titolu. L-appellanti tgħid li din il-kawża messha tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza superjuri tagħha u dan għaliex kull wieħed mid-diretturi tagħha jgħix u joqgħod f'Għawdex, għaliex l-art li hija l-mertu tal-kawża tinsab f'Għawdex, għaliex kull impjegat tagħha jgħix u joqgħod f'Għawdex, għaliex in-negozju tagħha jitmexxa l-iżjed f'Għawdex u għaliex l-istess attur *nomine* appellat ħarrikha f'Għawdex f'kawża oħra[1] marbuta mal-istess art u dwar kwistjoni li tixbah lil din;

---

[1] Rik. Nru. 974/18BS

12. Illi l-appellanti tfisser l-**aggravju** tagħha mis-sentenza appellata fuq ir-raġunijiet li ġejjin: (a) li l-ewwel Qorti ma tatx biżżejjed siwi għar-rabtiet kollha li hija bħala kumpannija għandha mal-gżira ta' Għawdex, minkejja li r-rabta waħdanija li għandha mal-gżira ta' Malta hija l-indirizz reġistrat tagħha; (b) li għalkemm l-indirizz li fih hija reġistrata huwa f'Malta, fil-bidu meta twaqqfet il-kumpannija l-indirizz kien f'Għawdex u dan kellu jerġa' jinbidel għal post f'Għawdex mill-ġdid; (ċ) minkejja li l-indirizz reġistrat tagħha huwa post f'Malta u għandu s-siwi tiegħu, dan ma jfissirx li jridu jitwarrbu r-rabtiet l-oħrajn tax-xogħol kummerċjali tagħha u li dwarhom l-ewwel Qorti tressqu quddiemha provi kemm trid; (d) minn dawn iċ-ċirkostanzi titnissel bażi soda biżżejjed biex jista' jitħaddem il-privileġġ proċedurali tal-għażla tal-qorti mqanqal bl-eċċezzjoni taħt eżami; (e) fuq is-saħħa ta' dak li jrid l-Artikolu 768 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-kawża jmissha tinstema' mill-Qorti tal-Maġistrati f'Għawdex; (f) għalkemm ma hemmx ftehim espress, hemm il-ftehim impliċitu "dedott mill-kuntest tal-kawża" li l-każ jitressaq u jinstema' f'Għawdex; (ġ) li fil-qafas tal-każ tal-lum, l-imkien fejn tinsab l-art mertu tal-każ kellu jkun fattur determinanti biex wieħed jara quddiem liema qorti kellha titressaq il-kawża; (ħ) li l-ewwel Qorti rabtet il-fehmiet tagħha esklussivament mar-residenza ordinarja tal-kumpannija; (i) li jekk kemm-il darba l-każ tal-lum inissel kwistjoni ta' danni minħabba l-allegazzjonijiet magħmulin mill-appellat, dan kien iġib li l-kawża messha tressqet quddiem il-Qorti f'Għawdex u huwa hemmhekk li jmissha titkompla; (j) għalhekk kemm ir-residenza

ordinarja u kif ukoll il-post fejn kellha titwettaq l-obbligazzjoni kienu jindikaw li l-kawża tressqet quddiem qorti ħażina; u (k) dawn ir-raġunijiet kollha juru li l-eċċezzjoni messha ntlaqgħet;

13. Illi l-appellat *nomine* jqis li l-appell huwa wieħed fieragħ u maħsub biss biex jaħli l-ħin tal-qrati u jrebbaħ lill-appellanti żmien prezzjuż biex tibqa' għaddejja bix-xogħlijiet ta' sfruttament tal-barriera bi ħsara tal-Benefiċċju attur. Jgħid li ma jarax x'differenza tagħmel għall-appellanti jekk kawża bħal din titressaqx quddiem qorti f'Malta jew waħda f'Għawdex. Jisħaq li r-residenza tal-kumpannija hija l-kejl determinanti li fuqha jitkejjel is-siwi ta' eċċezzjoni bħal din u kull kejl ieħor, sakemm ma joħroġx mil-liġi, ma jgħoddx;

14. Illi l-Qorti tibda biex tgħid li l-privileġġ mitlub mill-appellanti fl-eċċezzjoni tagħha taħt eżami huwa wieħed li jolqot kwistjoni ta' kompetenza aktar milli ta' ġurisdizzjoni għaliex ma hemm l-ebda kwistjoni bejn il-partijiet f'din il-kawża li n-natura tal-azzjoni hija waħda li taqa' fis-setgħat ta' Qorti Superjuri. L-istess privileġġ jagħti lill-parti mħarrka l-għażla li tagħżel liema hija l-Qorti li quddiemha messha tħarrket, u dan fuq ir-regola li *actor sequitur forum rei*[2], li magħha wieħed jorbot ukoll il-massima li *ubi te invenio ibi te convenio*. Jista' jingħad li dan huwa

[2] App. Ċiv. **9.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***A.F. Ellis Ltd vs Segretarju Permanenti, Ministeru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali*** (li stħarrġet jekk l-eċċezzjoni tal-*privilegium fori* tistax titqajjem minn Ministeru jew Dipartiment tal-Gvern)

privileġġ li jista' jintalab *ratione personae* għaliex marbut ma' ċirkostanza personali tal-parti mħarrka[3]. Huwa sewwasew privileġġ li jissejjes fuq fejn tkun tgħix il-parti mħarrka[4] u jrid jitqajjem minnha fil-bidu tal-kawża[5], għaliex jekk ma jsirx hekk jitqies li l-parti mħarrka tkun irrinunzjat għalih[6]. Fil-każ tal-lum, l-appellanti espressament invokatu u kien sewwasew minħabba din l-eċċezzjoni tagħha li l-ewwel Qorti tat is-sentenza appellata;

15. Illi dan huwa każ fejn il-parti mħarrka mhijiex persuna naturali, imma waħda legali mogħnija b'personalità ġuridika. Fuq kollox, l-appellanti hija kumpannija reġistrata taħt il-liġi f'Malta u f'dan il-qafas ma teżistix differenza bejn kumpannija "Maltija" u kumpannija "Għawdxija" għaliex f'Malta hawn reġistru wieħed li jgħodd għall-kumpanniji kollha li jkunu reġistrati taħt il-liġi Maltija. Madankollu, fil-każ ta' kumpannija, il-kwistjoni tar-"residenza" tagħha hija element ta' siwi liema bħalu, għaliex jolqot fil-qalba l-kummerċ tagħha, l-effetti tiegħu u r-rabtiet li kumpannija jkollha ma' terzi (jekk mhux wkoll mal-azzjonisti tagħha). Huwa stabbilit li, fil-liġi tagħna, kumpannija "toqgħod" fejn jinsab l-uffiċċju reġistrat tagħha u huwa minħabba f'hekk li l-liġi titlob li d-dokument li taħtu tkun reġistrata kumpannija (il-*Memorandum*) jsemmi tassattivament l-indirizz

[3] Maġ (Għ) TMT **16.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***George Vella noe et vs Rev. Charles Ċini*** (*in parte*)(konfermata mill-Qorti tal-Appell fil-**5.10.2001**)
[4] Art. 741(ċ) tal-Kap 12 u ara App. Kumm. **22.11.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Aquilina noe vs Stagno Navarra*** (Kollez. Vol: **LXXIX.ii.661**)
[5] Caruana Galizia Notes on Civil Procedure f'paġ. 1261 u App. Kumm. **12.2.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Gatt noe vs Grima*** (Kollez. Vol: **LXXVI.ii.369**)
[6] Art. 772 tal-Kap 12

ta' tali uffiċċju reġistrat[7]. Kemm hu hekk jingħad li "*The reason for rquiring for requiring a company to have a registered office is that since the company has a legal but not a physical existence, it is necessary to know where the company can be found, where communications and notices may be addressed and where documents may be served on it. It will be observed that the registered office of the company must be in Malta*[8]*. The registered office need not however be the principal place of business. Or indeed a place of business, of the company. The company may well carry on all or part of its business from an entirely different location to that of its registered office, even abroad. Not even board or general meetings need be held at the registered office. .. .. The registered office is one of the places where written pleadings may be served on the company*"[9];

16. Illi mill-atti tal-kawża ntwera li meta nfetħet din il-kawża, l-uffiċċju reġistrat tal-appellanti kien f'post fi Triq Gerry Zammit fil-Gżira. Huwa minnu li, meta twaqqfet kien ingħata indirizz f'post f'Gaħjnsielem f'Għawdex, imma għall-finijiet tal-eċċezzjoni taħt eżami, dak li jiswa huwa x'kien l-indirizz tal-uffiċċju reġistrat meta nfetħet din il-kawża;

17. Illi għalhekk, meta l-appellanti qajmet l-eċċezzjoni tal-*privilegium fori* kienet qiegħda tiġbed fuqha l-kwistjoni ta' fejn kienet "toqgħod" u kellu

[7] Art. 14(1)(ċ) tal-Kap 386
[8] Dan , b'riferenza għal kumpannija reġistrata f'Malta, jfisser kemm indirizz fil-gżira ta' Malta jew kif ukoll fil-gżira ta' Għawdex
[9] A. Muscat <u>*Principles of Maltese Company Law*</u> (MUP 2007) f'paġġ. 126 – 7

jkun dan il-punt tat-tluq li l-ewwel Qorti – kif tabilħaqq għamlet – kellha tqis biex tara jekk dik l-eċċezzjoni kinitx tiswa jew le[10]. Minn hemm 'il quddiem, kien mistenni li wieħed iqis – kif ukoll għamlet l-ewwel Qorti – jekk kienx hemm xi eċċezzjoni li minħabba fiha l-privileġġ kienx jista' jitqajjem jew le. L-ewwel Qorti sabet li l-ebda waħda mill-eċċezzjonijiet maħsuba fil-liġi ma kienet tgħodd għall-każ u għalhekk sabet li l-eċċezzjoni ma kinitx tajba, mhux għaliex il-privileġġ ma setax jitqajjem, imma għaliex il-fatti kienu juru li l-appellanti kienet "toqgħod" f'Malta u għalhekk kienet tħarrket quddiem il-Qorti t-tajba;

18. Illi xieraq jingħad li l-kriterju jew kejl ta' fejn tkun toqgħod il-parti mħarrka tant huwa fil-qofol ta' dan il-privileġġ proċedurali li jista' jitqajjem ukoll f'dawk l-għamla ta' azzjonijiet li l-liġi tgħid li l-każ imissu jitressaq quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili[11], ladarba l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) sezzjoni superjuri tgawdi wkoll setgħat li l-liġi tagħti lill-imsemmija Prim'Awla[12];

19. Illi din il-Qorti qieset ukoll it-tliet eċċezzjonijiet maħsuba fil-liġi[13] li dwarhom il-privileġġ proċedurali ma jistax jitqajjem u, bħall-ewwel Qorti, tasal għall-fehma li l-ebda waħda minnhom ma kienet ta' xkiel biex l-appellanti setgħet tinvoka l-privileġġ dwar fejn messha tħarrket;

---

[10] Art. 767 tal-Kap 12
[11] Ara P.A. MCH **5.10.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Jason Attard et vs Joseph Attard et*** (mhix appellata) li kienet kawża dwar drittijiet intellettwali (marka ta' kummerċ)
[12] Art. 50(2)(b) tal-Kap 12
[13] Ara artt. 769, 770 u 771 tal-Kap 12

20. Illi l-qofol tal-kawża tal-lum hija l-pretensjoni li l-appellanti qiegħda żżomm taħt idejha art mingħajr ma għandha l-ebda titlu għaliha. Minħabba f'hekk, ma hemm l-ebda obbligazzjoni jew rabta li bis-saħħa tagħha l-każ imissu jitqies. Kif qalet din il-Qorti (diversament komposta) f'każ fejn ukoll tqajmet l-eċċezzjoni tal-*privilegium fori*[14], ladarba l-kwistjoni (jiġifieri il-"*causa petendi*") hija waħda li taqa' fis-setgħat tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, il-konsiderazzjoni ta' fejn ikun jinsab il-ġid mertu ta' dak il-każ ma jifdlilhiex rilevanza biex wieħed jiddetermina quddiem liema qorti jmissu jitressaq il-każ[15];

21. Illi minn barra dan, ladarba jirriżulta li l-appellanti kienet "toqgħod" f'Malta fil-waqt li nfetħet il-kawża u għalhekk il-kawża nfetħet quddiem il-Qorti t-tajba, ġie li l-kompetenza tal-ewwel Qorti kienet radikata kif imiss u għalhekk il-kwistjoni ta' fejn tkun qiegħda l-ħaġa f'Malta – f'dan il-każ il-qatgħat tal-art li dwarhom l-appellat *nomine* fetaħ il-kawża – ma tolqot bl-ebda mod il-kompetenza tal-Qorti t-tajba li quddiemha tressqet il-kawża[16]. Mhux hekk biss, imma l-eċċezzjonijiet li jgħoddu f'każ bħal dan, jiġifieri d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 745 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, ma jgħoddux għall-każ tal-lum, għaliex l-Artikolu 745 (f) tal-Kodiċi – li jitkellem dwar ir-residenza ta' korp magħqud jew kull korp ieħor li jkollu personalità

[14] App. Ċiv. **28.1.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***John Mary Grima vs Francis Cutajar et*** (li kienet każ ta' azzjoni pussessorja fejn l-eċċezzjoni tal-*privilegium fori* ntlaqgħet)
[15] Ara wkoll App. Ċiv. **22.11.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Aquilina noe vs Dei Conti Stagno Navarra*** (Kollez. Vol: **LXXIX.ii.661**) u li kien jirrigwarda sewwasew il-Benefiċċju attur f'din il-kawża.
[16] Art. 773 tal-Kap 12

ġuridika – mhuwiex wieħed mill-inċiżi "salvati" bid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 773 tal-istess Kodiċi;

22. Illi, minbarra dan, ladarba l-kompetenza ta' Qorti tkun inħalqet, ma jiswiex li, mbagħad, jinqalgħu episodji jew viċendi proċedurali li jibdlu jew iġibu fix-xejn kompetenza radikata bħal dik[17]. Għalhekk, fil-każ tal-lum, ukoll kieku kellu jintwera li l-uffiċċju reġistrat tal-appellanti nbidel u ddawwar fuq xi mkien f'Għawdex matul is-smigħ tal-kawża, dan ma jwassalx biex jerġa' jgħajjex mill-ġdid is-sejħa biex il-każ jintbagħat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza superjuri tagħha fuq is-saħħa tal-imsemmi privileġġ proċedurali;

23. Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li l-argumenti mressqa mill-appellanti dwar dawk li ssejħilhom "rabtiet" tagħha ma' territorju partikolari tal-Gżejjer Maltin ma jiswewx wisq biex iwaqqgħu l-kejl u l-kriterji li kellhom jitħaddmu mill-ewwel Qorti biex tqis l-eċċezzjoni partikolari tagħha. Għalhekk, din il-Qorti ssib li s-sentenza appellata qatgħet sewwa l-kwistjoni mqajma bl-eċċezzjoni preliminari tal-appellanti u l-appell minnha ma jirriżultax mistħoqq u mhux ser jintlaqa';

[17] Ara P.A. TA **9.1.2020** fil-kawża fl-ismijiet ***Inġinier Joseph Bajada vs Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku et*** (*in parte*)(appellata)

**Decide**

24. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-appell** imressaq mill-kumpannija intimata u tikkonferma s-sentenza preliminari mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' April, 2019, fil-kawża fl-ismijiet premessi safejn ċaħdet it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-istess kumpannija appellanti, bl-**ispejjeż** ta' din l-istanza kontra l-kumpannija appellanti; u

Tordna li l-atti tal-kawża jintbagħtu lura lill-ewwel Qorti ħalli tkompli tisma' l-kawża.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
mb